

# Il-Ġurnal Uffiċjali

## tal-Unjoni Ewropea

C 70



Edizzjoni bil-Malti

### Informazzjoni u Avviżi

Volum 54

4 ta' Marzu 2011

Avviż Nru

Werrej

Paġna

#### IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

##### Il-Kunsill

2011/C 70/01      Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-implimentazzjoni tal-istrategġija Ewropa 2020 ..... 1

##### Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 70/02      Rata tal-kambju tal-euro ..... 4

#### V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

##### Il-Kummissjoni Ewropea

2011/C 70/03      Sejħa għall-proposti taħt il-programm ta' ħidma ENIAC Joint Undertaking ..... 5

Prezz:  
EUR 3

(Ikompri fil-paġna ta' wara)

## PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 70/04	Komunikazzjoni mill-Irlanda skont id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi – Avviż dwar il- <i>Ħruġ tal-Liċenzji għall-Marġni Atlantiku għall-2011</i> ..... 6
2011/C 70/05	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6133 – FSI/STMicroelectronics) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata <sup>(1)</sup> ..... 10

## ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2011/C 70/06	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ..... 11
--------------	---

---

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)



<sup>(1)</sup> Test b'relevanza għaż-ŻEE

## IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA

## IL-KUNSILL

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-implimentazzjoni tal-istrateġija  
Ewropa 2020**

(2011/C 70/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WAQT LI JISSOTTOLINJA li hu kompletament lest li jqiegħed il-kompetenza tal-Kunsill dwar il-linji ta' politika dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ għas-servizz tal-Kunsill Ewropew u li jikkontribwixxi b'mod attiv għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġija *Ewropa 2020* għall-impjiegi u t-tkabbir u s-Semestru Ewropew;

WAQT LI JFAKKAR fl-għanijiet tal-istrateġija li jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, bl-appoġġ ta' numru ta' miri ewlenin tal-UE u sensiela ta' inizjattivi ewlenin;

U FID-DAWL tal-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir għall-2011 tal-Kummissjoni, inkluż ir-Rapport ta' Progress dwar *Ewropa 2020*, ir-Rapport Makroekonomiku u l-Abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-impjiegi, u tal-Linji Gwida Integrati ta' *Ewropa 2020*;

JENFASIZZA LI

L-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom rwol fundamentali x'jaqdu biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv ta' *Ewropa 2020*, partikolarment billi ċ-ċittadini jiġu mgħammra bil-ħiliet u l-kompetenzi li l-ekonomija Ewropea u s-soċjetà Ewropea jeħtieġu sabiex jibqgħu kompetittivi u innovattivi, iżda wkoll billi jgħinu biex jippromwovu l-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali. Ir-rwol ewlieni tal-edukazzjoni u t-taħriġ għandu għalhekk ikun rifless b'mod sħiħ fil-ħidma tal-Kunsill matul is-"Semestru Ewropew" il-ġdid stabbilit mill-bidu tal-2011. B'mod partikolari, u bl-appoġġ tal-Kummissjoni, il-Kunsill għandu jiżgura li kwistjonijiet bħal miżuri ta' politika u riformi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-kontribut tagħhom għall-miri Ewropej u l-iskambju ta' politika u prattika tajba jiġu indirizzati bis-sħiħ.

IQIS LI

1. Il-qafas "ET 2020" u l-erba' oġġettivi strateġiċi tiegħu <sup>(1)</sup> jikkonstitwixxu pedament b'saħħtu għall-kooperazzjoni

Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u b'hekk jistgħu jagħtu kontribut sinifikanti għall-kisba tal-oġġettivi ta' *Ewropa 2020*.

2. Il-proċess ta' Kopenhagen, li l-prijoritajiet strateġiċi tiegħu għall-għaxar snin li ġejjin ġew riveduti fl-aqgħa ministerjali fi Bruges f'Diċembru 2010 <sup>(2)</sup>, jisħaq li l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (ETV) għandhom rwol kruċjali fl-appoġġ għall-għanijiet tal-istrateġija *Ewropa 2020* billi jipprovdu ħiliet u kompetenzi rilevanti ta' kwalità għolja.

3. Tnejn mill-inizjattivi proposti ewlenin ta' *Ewropa 2020* huma ta' rilevanza speċjali għall-edukazzjoni u t-taħriġ:

(i) L-ewwel nett, l-inizjattiva *Żgħażaġħ Attivi*, li għandha l-għan li tgħin liż-żgħażaġh jiksbu l-potenzjal kollu tagħhom fit-taħriġ u l-edukazzjoni u b'hekk itejbu l-prospetti ta' impjiegi tagħhom. Hemm ħtieġa urġenti li jiġi żgurat li l-għadd ta' żgħażaġh li jtilqu kmieni mill-iskola jonqos, li ż-żgħażaġh kollha jiksbu l-ħiliet bażiċi meħtieġa għal aktar tagħlim u li jkun hemm aktar opportunitajiet biex wieħed jitgħalliem iżjed 'il quddiem fil-ħajja. L-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja għandhom jiġu mħeġġa biex itejbu l-kwalità u r-rilevanza tal-korsijiet li joffru, sabiex iħeġġu firxa aktar wiesgħa ta' ċittadini jidħlu fl-edukazzjoni għolja, filwaqt li l-mobbiltà tat-tagħlim għaż-żgħażaġh kollha għandha tiġi promossa fis-sistema tal-edukazzjoni kollha, kif ukoll fkuntesti mhux formali bħax-xogħol u l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh. Barra minn dan, għandhom jiġu mħeġġa aktar esperjenzi ta' tagħlim fuq il-post tax-xogħol u intraprenditorjali, u l-opportunitajiet għal attivitajiet volontarji, għall-impjeg indipendenti u għax-xogħol u t-tagħlim barra mill-pajjiż għandhom jitwessgħu.

<sup>(2)</sup> Komunikat ta' Bruges dwar kooperazzjoni Ewropea msaħħa fl-ETV: [http://ec.europa.eu/education/lifelong-learning-policy/dcc/vocational/bruges\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/education/lifelong-learning-policy/dcc/vocational/bruges_en.pdf)

<sup>(1)</sup> ĠU C 119, 28.5.2009.

- (ii) It-tieni nett, l-inizjattiva *Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi*, li tenfasizza l-ħtieġa li jttejbu l-ħiliet u li l-impjegabbiltà tingħata spinta. Għandu jsir progress biex titjeb l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet għal taħriġ, tiżdied ir-rilevanza tal-edukazzjoni u t-taħriġ għas-suq tax-xogħol, jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-individwi għal opportunitajiet ta' taħlim u ta' gwida tul il-ħajja, u jiġu żgurati transizzjonijiet faċli bejn id-dinjiet tal-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi. Biex dan jinkiseb jeħtieġ kollaborazzjoni aktar mill-qrib u sħubiji bejn is-servizzi pubbliċi, il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u min iħaddem fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. It-transizzjoni lejn sistemi ta' kwalifiki bbażati fuq ir-riżultati tat-taħlim u validazzjoni akbar ta' ħiliet u kompetenzi miksuba f'kuntesti mhux formali u informali huma wkoll ta' importanza kbira biex tiżdied l-impjegabbiltà.
4. L-edukazzjoni u t-taħriġ ukoll għandhom kontribut sostanzjali x'jaġhtu fl-inizjattivi ewlenin l-oħra, bħall-*Aġenda Diġitali u l-Unjoni tal-Innovazzjoni*. Is-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tal-Ewropa jeħtieġu jipprovdu t-taħlita adatta ta' ħiliet u kompetenzi, jiżguraw provvista suffiċjenti ta' gradwati fix-xjenza, il-matematika u l-inġinerija, jgħammru lill-persuni b'ħiliet bażiċi u l-motivazzjoni u l-kapaċità biex jitgħallmu, irawmu l-iżvilupp ta' kompetenzi trasversali, inkludju dawk li jippermettu l-użu tat-teknoloġiji diġitali moderni, jipromwovu l-iżvilupp sostenibbli u ċ-ċittadinanza attiva, u jħeġġu l-kreattività, l-innovazzjoni u l-intraprenditorja.
5. Bi tweġiba għall-għanijiet tal-inizjattiva *Pjattaforma Ewropea kontra l-Faqar*, jinħtieġu wkoll sforzi akbar biex jingħata appoġġ u jinfetħu opportunitajiet għal studenti mhux tradizzjonali u dawk żvantaġġati. Fatturi bħal aċċess aħjar għal edukazzjoni u servizzi li jieħdu ħsieb lit-tfal fit-tfulija bikrija ta' kwalità għolja, l-għoti ta' opportunitajiet innovattivi ta' edukazzjoni u taħriġ għal gruppi żvantaġġati huma importanti biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u biex ikun possibbli għaċ-ċittadini kollha li jilhqnu l-potenzjal sħiħ tagħhom.

## JISĦAQ LI

### I. L-edukazzjoni u t-taħriġ huma kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Ewropa 2020

1. L-investiment effiċjenti f'edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, modernizzati u riformati huwa urġenti kemm għax dan iqiegħed is-sisien għall-prosperità fit-tul tal-Ewropa kif ukoll, billi jagħti iktar ħiliet u kompetenzi aħjar lin-nies, huwa jgħin biex iwieġeb fil-perijodu qasir għall-effetti tal-kriżi.
2. It-tisħiħ tal-opportunitajiet għat-taħlim tul il-ħajja għal kulħadd u f'kull livell ta' edukazzjoni u taħriġ huwa essenzjali, partikolarment billi jagħmel l-ETV aktar attraenti u rilevanti u billi jżid il-parteċipazzjoni fit-taħlim għall-adulti, u r-rilevanza tiegħu.
3. L-indirizzar bħala kwistjoni ta' urġenza tal-qagħda ta' nisa żagħżagħ u rġiel żagħżagħ li jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet eċċezzjonali biex jidħlu fis-suq tax-xogħol minħabba s-severità tal-kriżi.
4. It-titjib tar-reattività ta' sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ għal domandi u xejriet ġodda, biex jiġu ssodisfati aħjar il-ħtiġijiet għal ħiliet tas-suq tax-xogħol u l-isfidi soċjali u kulturali ta' dinja globalizzata.

### II. Ser jinħtieġu aktar sforzi sabiex jintlaħqu l-miri ewlenin fl-edukazzjoni

5. L-ilħiq taż-żewġ miri ewlenin tal-UE fl-edukazzjoni u t-taħriġ - jiġifieri li jitnaqqas is-sehem ta' dawk li jieqfu mill-iskola kmieni għal inqas minn 10 %, u li jiżdied il-proporzjon ta' dawk ta' bejn 30-34 sena li jiggradwaw mill-edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti għal mill-inqas 40 % - ser ikollu effett pożittiv fuq l-impjiegi u t-tkabbir. Barra minn hekk, il-miżuri meħuda fis-settur tal-edukazzjoni u t-taħriġ ser jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri f'oqsma oħra, bħaż-żieda fir-rati tal-impjiegi, il-promozzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp, u t-tnaqqis tal-faqar.
6. Fir-rigward tal-ewwel minn dawn iż-żewġ miri, it-tluq kmieni mill-iskola huwa fenomenu kumpless influwenzat minn fatturi edukattivi, individwali u soċjoekonomiċi. It-trattament tal-problema jeħtieġ miżuri preventivi u kumpensatorji, bħal "edukazzjoni li 'tagħti ċans ieħor", kif ukoll koordinazzjoni mill-qrib bejn is-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u ma' oqsma relatati ta' politika oħrajn. Miżuri ta' politika li jistgħu jagħmlu differenza jistgħu jinkludu edukazzjoni aħjar fit-tfulija bikrija, kurrikuli aġġornati, edukazzjoni aħjar għall-għalliema, metodi ta' taħlim innovattivi, appoġġ individwalizzat - l-iktar għal gruppi żvantaġġati, fosthom il-migranti u r-Rom - u kooperazzjoni aktar qawwija mal-familji u l-komunità lokali.
7. It-tieni mira wkoll teħtieġ approċċ multidimensjonali. Sabiex ikunu attraenti u effiċjenti, sistemi ta' edukazzjoni terzjarji jew ekwivalenti jeħtieġu livell għoli ta' investment effiċjenti, kurrikuli modernizzati u governanza aħjar. L-innovazzjoni għandha tiġi promossa kemm fil-livell sistemiku kif ukoll f'dak istituzzjonali, filwaqt li għandu jsir użu aktar effettiv tal-finanzjament, u jeħtieġ li jinstabu sorsi aktar varjati ta' finanzjament. Jinħtieġu wkoll inċentivi biex jiġu stabbiliti rabtijiet aħjar mad-dinja aktar wiesgħa, permezz ta' sħubijiet man-negozji u r-riċerka, u biex ikun hemm ftuħ għal studenti mhux tradizzjonali, billi jiġu mogħtija inċentivi adegwati u billi jiġu promossi l-validazzjoni, l-iskemi ta' appoġġ u s-servizzi ta' gwida.

GĦALDAQSTANT JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI, SA FEJN HUMA KKONĊERNATI KWISTJONIJIET MARBUTA MAL-EDUKAZZJONI U T-TAħRIĠ, BIEX

1. Jadottaw il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma (PNR), li huma mmirati lejn u bbażati fuq l-ażżjoni, u li ser jikkontribwixxu għall-kisba tal-oġettivi tal-istrateġija *Ewropa 2020*, inkludju l-miri ewlenin tal-UE.

2. Jieħdu azzjonijiet ta' politika f'konformità ma' miri nazzjonali, filwaqt li jiehdur kont tal-pożizzjonijiet inizjali relattivi u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-Istati Membri, u skont proċeduri nazzjonali tat-tehdid ta' deċizzjonijiet.
3. Jikkooperaw b'mod orizzontali u mill-qrib ma' setturi oħra rilevanti involuti fil-proċess *Ewropa 2020* fil-livell nazzjonali, b'mod partikolari mal-ministeri tal-impjiegi, iżda anke ma' partijiet interessati oħra bħall-imsieħba soċjali, meta jkunu qed ifasslu u jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni ta' linji ta' politika nazzjonali dwar l-impjiegi fid-dawl tal-Linji Gwida Integrati nru 8 u 9 <sup>(1)</sup>.
4. Jippromwovu kooperazzjoni msaħħa bejn l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, l-istituti tar-riċerka u l-intrapriżi bil-għan li jissaħħa it-triangolu tal-għarfien bħala l-bażi għal ekonomija iktar innovattiva u kreattiva, f'konformità mal-Linji Gwida Integrata nru 4 <sup>(2)</sup>.

#### JISTIENEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX

1. Isaħħu l-kooperazzjoni orizzontali u l-kondiviżjoni ta' esperjenzi u prattika tajba fost l-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-PNR, u jinkludu dawn l-aspetti fattivitajiet futuri ta' tagħlim bejn il-pari, fejn hu adatt.
2. Ikomplu jippromwovu l-opportunitajiet għat-tagħlim dwar il-politika, partikolarment fl-oqsma koperti mill-Istrateġija *Ewropa 2020*, u jagħmlu l-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (MMK) aktar rilevanti għall-ħtiġijiet u l-interessi tal-Istati Membri, billi jagħmlu użu aktar effettiv tar-riżultati tal-kooperazzjoni Ewropea, iżidu t-trasparenza u jappoġġjaw kollaborazzjoni aktar konċentrata.
3. Isaħħu r-rabtiet bejn il-miri u l-oġġettivi ta' *Ewropa 2020*, partikolarment billi jsaħħu l-bażi ta' evidenza f'dan il-qasam u billi jinvolvu s-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ aktar mill-qrib fl-identifikazzjoni ta' ostakoli għat-tekabbir u l-impjiegi.

4. Kif imfisser fl-inizjattiva *Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-impjiegi*, isaħħu l-kapaċità li jiġu antiċipati u ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u tal-ħiliet, kif ukoll li jipprovdu t-taħlita adatta ta' ħiliet, fosthom il-kompetenzi trasversali bħall-kompetenzi diġitali u intraprenditorjali, u jiżviluppaw strateġija komprensiva biex jittejjeb l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja, b'mod partikolari għall-gruppi żvantaġġati.

#### JISTIENEN LILL-KUMMISSJONI BIEX

1. Issaħħa aktar – bi qbil sħiħ mal-Istati Membri – rabtiet bejn l-arranġamenti tal-implimentazzjoni għall-qafas strateġiku “ET 2020” u dawk għall-Istrateġija *Ewropa 2020*, partikolarment f'dawk li huma ċikli ta' ħidma, rappurtaġġ u ffixsar tal-oġġettivi. Għandu jittieħed kont partikolari tal-miri ewlenin u ta' miżuri adatti meħudin taħt l-inizjattivi *Żgħażaġħ Attivi u Aġenda għall-Ħiliet Ġodda u l-impjiegi*, meta jkunu qed jiġu proposti l-prijoritajiet ta' nofs it-terminu għaċ-ċiklu li jmiss ta' “ET 2020”.
2. Thegġegħ li r-rapporti ta' progress konġunti dwar “ET 2020” biex jiehdur kont mistħoqq tal-oġġettivi ta' *Ewropa 2020*, filwaqt li tirrikonoxxi l-valur miżjud distint li joffru dawk ir-rapporti peress li jipprovdu ħarsa aktar fil-fond lejn il-linji ta' politika nazzjonali dwar l-edukazzjoni tal-Istati Membri.
3. Tipprovdi analiżi profonda tal-progress li sar lejn il-miri ewlenin u l-punti ta' riferiment ta' “ET 2020”, bħala l-bażi għal skambju ta' fehmiet fil-Kunsill matul kull Semestru Ewropew.
4. Issaħħa il-viżibbiltà u t-trasparenza ta' miżuri meħudin fil-kuntest tal-MMK, billi tiżgura koordinazzjoni operattiva effettiva li tinvolvi l-Istati Membri u tipprevedi l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati rilevanti.
5. Tipprovdi analiżi biex tappoġġja l-iskambju fil-qafas tal-MMK dwar ir-rabta bejn l-investment edukattiv u l-approċċi ta' politika bil-għan li jintlaħqu l-miri ta' *Ewropa 2020*.

<sup>(1)</sup> Nru 8: L-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'ħiliet li jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja.

Nru 9: It-titjib tal-prestazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha u ż-żieda tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni terzjarja jew dik ekwivalenti.

<sup>(2)</sup> Nru 4: L-ottimizzazzjoni tal-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, it-tisħiħ tat-triangolu tal-konnoxxenza u l-isfruttar tal-potenzjal tal-ekonomija diġitali.

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

### Rata tal-kambju tal-euro <sup>(1)</sup>

It-3 ta' Marzu 2011

(2011/C 70/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3850	AUD	Dollaru Awstraljan	1,3609
JPY	Yen Ġappuniż	113,43	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3469
DKK	Krona Daniża	7,4564	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,7889
GBP	Lira Sterlina	0,85130	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,8581
SEK	Krona Żvediża	8,7576	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,7578
CHF	Frank Żvizzeru	1,2844	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 553,71
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	9,5409
NOK	Krona Norveġiża	7,7145	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	9,0995
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,4125
CZK	Krona Ċeka	24,208	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 196,03
HUF	Forint Ungeriż	270,90	MYR	Ringgit Malażjan	4,1979
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	60,068
LVL	Lats Latvjan	0,7045	RUB	Rouble Russu	39,0585
PLN	Zloty Pollakk	3,9826	THB	Baht Tajlandiż	42,256
RON	Leu Rumun	4,2045	BRL	Real Brażiljan	2,2985
TRY	Lira Turka	2,2243	MXN	Peso Messikan	16,7066
			INR	Rupi Indjan	62,3840

<sup>(1)</sup> Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

## PROCÈDURI AMMINISTRATTIVI

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Sejħa għall-proposti taħt il-programm ta' ħidma ENIAC Joint Undertaking**

(2011/C 70/03)

B'dan qed jingħata avviż tat-tnedija ta' sejħa għall-proposti taħt il-programm ta' ħidma ENIAC Joint Undertaking

Jintlaqgħu proposti għas-sejħa li ġejja: **ENIAC-2011-1**.

Id-dokumentazzjoni tas-sejħa li tinkludi l-iskadenza u l-baġit jinsabu fit-test tas-sejħa, li huwa ppubblikat fuq is-sit li ġej:

<http://www.eniac.eu/web/divers/important.php>

---

## PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

#### **Komunikazzjoni mill-Irlanda skont id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-idrokarburi**

*Avviż dwar il-Ħruġ tal-Liċenzji għall-Marġni Atlantiku għall-2011*

(2011/C 70/04)

Fkonformità mal-Artikolu 3, il-paragrafu 2(a) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994, il-Ministru tal-Istat fid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni, l-Enerġija u l-Riżorsi Naturali hawnhekk javża b'bidla fir-rigward taż-żoni disponibbli għall-ħruġ ta' liċenzji fl-ibħra lil hinn mill-kosta tal-Irlanda.

Ġiet iddeżinjata żona li tkopri madwar 252 500 kilometru kwadru fil-Marġni tal-Atlantiku fl-Irlanda f'Żona mal-Fruntiera u din ġiet magħżula biex tkun inkluża fil-Ħruġ tal-Liċenzji għall-Marġni Atlantiku għall-2011.

Il-Ministru tal-Istat fid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni, l-Enerġija u l-Riżorsi Naturali qed jistieden li jiġu ppreżentati applikazzjonijiet għal Għażliet ta' Liċenzjar fir-rigward tal-art inkluża fil-Ħruġ ta' Liċenzji għall-Marġni Atlantiku għall-2011. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu primarjament għal żoni ta' forma regolari, kontinwi u jkunu jinkludu żoni li huma ekwivalenti għal mhux anqas minn blokka waħda sħiħa jew mhux aktar minn sitt blokkoq sħaħ.

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar "Ħruġ ta' Liċenzji għall-2011 – Marġni Atlantiku" u għandhom jiġu indirizzati lil "The Secretary General, Department of Communications, Energy and Natural Resources, Petroleum Affairs Division, 29-31 Adelaide Road, Dublin 2, Ireland". L-applikazzjonijiet għandhom jaslu sa mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tlieta l-31 ta' Mejju 2011.

Skont l-Artikolu 5, il-paragrafi 1(a) u 1(b) tad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994, il-Ministru tal-Istat fid-Dipartiment tal-Komunikazzjoni, l-Enerġija u l-Riżorsi Naturali b'hekk qed javża li ser ikunu applikati l-kriterji li ġejjin/sistema ta' marki għall-applikazzjonijiet irċevuti taħt dan il-Ħruġ ta' Liċenzji:

- (a) L-istrateġija globali għall-proposta biex isir programm ta' esplorazzjoni fil-baħar – 15-il Marka
- (b) Il-kwalità tal-programm ta' ħidma proposta mill-applikant (il-marki ser jingħataw biss għall-impenji sodi) – 40 Marka
- (c) Il-livell ta' kompetenza teknika u esperjenza ta' ħidma lil hinn mill-kosta mit-tim li jkun ser jamministra u jmessxi l-programm ta' esplorazzjoni – 30 Marka
- (d) Evidenza ta' kapaċità finanzjarja biex ikun ifffinanzjat il-programm ta' ħidma propost – 15-il Marka

L-applikanti jridu jiksbu 50 % tal-marki fil-każ ta' a, b u c u jridu juru li għandhom il-kapaċità finanzjarja biex jiffinanzjaw il-programm ta' ħidma offrut. Fejn ikun rilevanti, tista' tiġi kkunsidrata prestazzjoni preċedenti mill-applikant taħt kwalunkwe awtorizzazzjoni li l-applikant kien jiffirma parti minnha.

It-termini speċifiċi marbuta mal-Ħruġ ta' Liċenzji għall-Marġni Atlantiku flimkien ma' mappa tal-art offruta u ma' linji gwida għall-applikazzjonijiet huma disponibbli fil-ħolqa li ġejja:

<http://www.dcenr.gov.ie/Natural/Petroleum+Affairs+Division/2011+Atlantic+Margin+Licensing+Round.htm>



jew billi tikkuntattja lil:

Philip McMahon  
 Petroleum Affairs Division  
 Department of Communications, Energy and Natural Resources  
 29-31 Adelaide Road  
 Dublin 2  
 IRELAND  
 Posta elettronika: philip.mcmahon@dcenr.ie  
 Tel. +353 016782693

L-irċevuta għal applikazzjoni mhi ser toħloq l-ebda obligazzjoni min-naħa tal-Ministru biex jagħti Għażla ta' Liċenzjar għall-parti miż-żona jew għaż-żona kollha li tkun is-suġġett tal-applikazzjoni.

**Ħruġ ta' Liċenzji għall-Marġni Atlantiku għall-2011 – Lista ta' blokok disponibbli:**

1/6(p), 1/7(p), 1/8(p), 1/9(p), 1/10(p), 1/11, 1/12, 1/13, 1/14, 1/15, 1/16, 1/17, 1/18, 1/19, 1/20, 1/21, 1/22, 1/23, 1/24, 1/25, 1/26, 1/27, 1/28, 1/29, 1/30

2/6(p), 2/7(p), 2/8(p), 2/9(p), 2/11, 2/12, 2/13, 2/14, 2/15(p), 2/16, 2/17, 2/18, 2/19, 2/20, 2/21, 2/22, 2/23, 2/24, 2/25, 2/26, 2/27, 2/28, 2/29, 2/30

3/11(p), 3/12(p), 3/13(p), 3/14(p), 3/15(p), 3/16, 3/17, 3/18, 3/19, 3/20, 3/21, 3/22, 3/23, 3/24, 3/25, 3/26, 3/27, 3/28, 3/29, 3/30

4/11(p), 4/12(p), 4/13(p), 4/16, 4/17, 4/18(p), 4/19(p), 4/20(p), 4/21, 4/22, 4/23, 4/24, 4/25, 4/26, 4/27, 4/28, 4/29, 4/30

5/16(p), 5/19(p), 5/20(p), 5/21, 5/24, 5/25(p), 5/26, 5/29, 5/30

6/26, 6/27(p), 6/28(p), 6/29(p)

8/1, 8/2, 8/3, 8/4, 8/5, 8/6, 8/7, 8/8, 8/9, 8/10, 8/11, 8/12, 8/13, 8/14, 8/15, 8/16, 8/17, 8/18, 8/19, 8/20, 8/21, 8/22, 8/23, 8/24, 8/25, 8/26, 8/27, 8/28, 8/29, 8/30

9/1, 9/2, 9/3, 9/4, 9/5, 9/6, 9/7, 9/8, 9/9, 9/10, 9/11, 9/12, 9/13, 9/14, 9/15, 9/16, 9/17, 9/18, 9/19, 9/20, 9/21, 9/22, 9/23, 9/24, 9/25, 9/26, 9/27, 9/28, 9/29, 9/30

10/1, 10/2, 10/3, 10/4, 10/5, 10/6, 10/7, 10/8, 10/9, 10/10, 10/11, 10/12, 10/13, 10/14, 10/15, 10/16, 10/17, 10/18, 10/19, 10/20, 10/21, 10/22, 10/23, 10/24, 10/25, 10/26, 10/27, 10/28, 10/29, 10/30

11/1, 11/2, 11/3, 11/4, 11/5, 11/6, 11/7, 11/8, 11/9, 11/11, 11/12, 11/13, 11/14, 11/16, 11/17, 11/18, 11/19, 11/21, 11/22, 11/23(p), 11/26, 11/27, 11/28(p), 11/29, 11/30

12/2(p), 12/3(p), 12/4, 12/5, 12/7(p), 12/8(p), 12/9, 12/10, 12/11(p), 12/12(p), 12/13, 12/14, 12/15, 12/16(p), 12/17, 12/18, 12/19, 12/21, 12/22, 12/23, 12/24, 12/26, 12/27

13/1, 13/2, 13/3, 13/4, 13/5, 13/6, 13/7, 13/8, 13/9, 13/10, 13/11, 13/12, 13/13, 13/14, 13/15

14/1, 14/2, 14/3, 14/4(p), 14/6, 14/7, 14/8, 14/9, 14/10(p)

16/1, 16/2, 16/3, 16/4, 16/5, 16/6, 16/7, 16/8, 16/9, 16/10, 16/11, 16/12, 16/13, 16/14, 16/15, 16/16, 16/17, 16/18, 16/19, 16/20, 16/21, 16/22, 16/23, 16/24, 16/25, 16/26, 16/27, 16/28, 16/29, 16/30

17/1, 17/2, 17/3, 17/4, 17/5, 17/6, 17/7, 17/8, 17/9, 17/10, 17/11, 17/12, 17/13, 17/14, 17/15, 17/16, 17/17, 17/18, 17/19, 17/20, 17/21, 17/22, 17/23, 17/24, 17/25, 17/26, 17/27, 17/28, 17/29, 17/30

18/1, 18/2, 18/3, 18/4, 18/5, 18/6, 18/7, 18/8, 18/9, 18/11, 18/12, 18/13, 18/14(p), 18/15(p), 18/16, 18/17, 18/18, 18/19(p), 18/20(p), 18/21, 18/22, 18/23, 18/24, 18/25(p), 18/26, 18/27, 18/28, 18/29, 18/30

19/2(p), 19/3(p), 19/4, 19/5, 19/7(p), 19/8(p), 19/11(p), 19/12(p), 19/16(p), 19/21, 19/22, 19/26

20/1

25/1, 25/2, 25/3, 25/4, 25/5, 25/6, 25/7, 25/8, 25/9, 25/10, 25/11, 25/12, 25/13, 25/14, 25/15, 25/16, 25/17, 25/18, 25/19, 25/20, 25/21, 25/22, 25/23, 25/24, 25/25, 25/26, 25/27, 25/28, 25/29, 25/30

26/1, 26/2, 26/3, 26/4, 26/5, 26/6, 26/7, 26/8, 26/9, 26/10, 26/11, 26/12, 26/13, 26/14, 26/15, 26/16, 26/17, 26/18, 26/19, 26/20, 26/21, 26/22, 26/23, 26/24, 26/25, 26/26, 26/27(p), 26/29, 26/30

27/1, 27/2, 27/3, 27/5(p), 27/6, 27/7, 27/8, 27/10, 27/11, 27/12, 27/13, 27/14, 27/15, 27/16, 27/17(p), 27/19, 27/21, 27/22(p), 27/24, 27/26, 27/27, 27/28

34/1, 34/2, 34/3, 34/4, 34/5, 34/6, 34/7, 34/8, 34/9, 34/10, 34/11, 34/12, 34/13, 34/14, 34/15, 34/16, 34/17, 34/18, 34/19, 34/20, 34/21, 34/22, 34/23, 34/24, 34/25, 34/26, 34/27, 34/28, 34/29, 34/30

35/1, 35/5, 35/6, 35/7(p), 35/10, 35/11, 35/12, 35/13, 35/14, 35/15, 35/16, 35/17, 35/18, 35/19, 35/20, 35/21, 35/22, 35/23, 35/24, 35/25, 35/26, 35/27, 35/28, 35/29, 35/30

36/1, 36/6, 36/11, 36/16, 36/21, 36/22, 36/26, 36/27

43/1, 43/2, 43/3, 43/4, 43/5, 43/6, 43/7, 43/8, 43/9, 43/10, 43/11, 43/12, 43/13, 43/14, 43/15, 43/16, 43/17, 43/18, 43/21, 43/22, 43/23, 43/26, 43/27, 43/30

44/1, 44/2, 44/3, 44/4, 44/5, 44/6, 44/7, 44/8, 44/9, 44/10, 44/11, 44/12, 44/13, 44/14, 44/15, 44/16, 44/17, 44/19, 44/20, 44/21, 44/22, 44/25, 44/26, 44/27, 44/28

45/1, 45/2, 45/6, 45/7, 45/11, 45/12, 45/16, 45/17, 45/21, 45/22, 45/23, 45/24, 45/26, 45/27, 45/28, 45/29, 45/30

52/1, 52/2, 52/3, 52/4, 52/6, 52/7, 52/8, 52/9, 52/11, 52/12, 52/13(p), 52/16, 52/17, 52/21, 52/22, 52/24(p), 52/25, 52/26, 52/27, 52/28, 52/29, 52/30

53/2, 53/3, 53/4, 53/5, 53/7, 53/8, 53/9, 53/10, 53/12, 53/13, 53/14, 53/15, 53/16, 53/17, 53/18, 53/19, 53/20, 53/21, 53/22, 53/23, 53/24, 53/25, 53/26, 53/27, 53/28, 53/29, 53/30

54/1, 54/2, 54/3, 54/4, 54/5, 54/6, 54/7, 54/8, 54/9, 54/10, 54/11, 54/12, 54/13, 54/14, 54/15, 54/16, 54/17, 54/18, 54/19, 54/20, 54/21, 54/22, 54/23, 54/24, 54/25, 54/26, 54/27, 54/28, 54/29, 54/30

60/1, 60/2, 60/3, 60/4, 60/5, 60/6, 60/7, 60/8, 60/9, 60/10, 60/11, 60/12, 60/13, 60/14, 60/15, 60/16, 60/17, 60/18, 60/19, 60/20, 60/22, 60/23, 60/24, 60/25, 60/29, 60/30

61/1, 61/2, 61/3, 61/4, 61/5, 61/6, 61/7, 61/8, 61/11, 61/12, 61/13, 61/14, 61/15, 61/16, 61/17, 61/18, 61/19, 61/20, 61/21, 61/22, 61/23, 61/24, 61/25, 61/26, 61/27, 61/28, 61/29, 61/30

62/1, 62/2, 62/3, 62/4, 62/5, 62/7, 62/8, 62/9, 62/10, 62/11, 62/12, 62/13, 62/14, 62/15, 62/16, 62/17, 62/18, 62/19, 62/20, 62/21, 62/22, 62/23, 62/24, 62/25, 62/26, 62/27, 62/28, 62/29, 62/30

71/2, 71/3, 71/4, 71/5, 71/8, 71/9, 71/10, 71/15

72/1, 72/2, 72/3, 72/4, 72/5, 72/6, 72/7, 72/8, 72/9, 72/10, 72/11, 72/12, 72/13, 72/14, 72/15, 72/16, 72/17, 72/18, 72/19, 72/20, 72/21, 72/22, 72/23, 72/24, 72/25, 72/26, 72/27, 72/28, 72/29, 72/30

73/1, 73/2, 73/3, 73/4, 73/5, 73/6, 73/7, 73/8, 73/9, 73/10, 73/11, 73/12, 73/13, 73/14, 73/15, 73/16, 73/17, 73/18, 73/19, 73/20, 73/21, 73/22, 73/23, 73/24, 73/25, 73/26, 73/27, 73/28, 73/29, 73/30

74/1, 74/2, 74/3, 74/4, 74/5, 74/6, 74/7, 74/8, 74/9, 74/10, 74/11, 74/12, 74/13, 74/14, 74/15, 74/16, 74/17, 74/18, 74/19, 74/20, 74/21, 74/22, 74/23, 74/24, 74/25, 74/26, 74/27, 74/28, 74/29, 74/30

75/1, 75/2, 75/3, 75/4, 75/5, 75/6, 75/7, 75/8, 75/9, 75/10, 75/11, 75/12, 75/13, 75/14, 75/15, 75/16, 75/17, 75/18, 75/19, 75/20, 75/21, 75/22, 75/23, 75/24, 75/25, 75/26, 75/27, 75/28, 75/29, 75/30

76/1, 76/2, 76/3, 76/4, 76/5, 76/6, 76/7, 76/8, 76/9, 76/10, 76/11, 76/12, 76/13, 76/14, 76/15, 76/16, 76/17, 76/18, 76/19, 76/20, 76/21, 76/22, 76/23, 76/24, 76/25, 76/26, 76/27, 76/28, 76/29, 76/30

77/1, 77/2, 77/3, 77/4, 77/5, 77/6, 77/7, 77/8, 77/9, 77/10, 77/11, 77/12, 77/13, 77/14, 77/15, 77/16, 77/17, 77/18, 77/19, 77/20, 77/21, 77/22, 77/23, 77/24, 77/25, 77/26, 77/27, 77/28, 77/29, 77/30

78/15, 78/19, 78/20, 78/23, 78/24, 78/25, 78/27, 78/28, 78/29, 78/30

80/10, 80/14, 80/15, 80/19, 80/20, 80/23, 80/24, 80/25, 80/28, 80/29, 80/30

81/2, 81/3, 81/4, 81/5, 81/7, 81/8, 81/9, 81/10, 81/12, 81/13, 81/14, 81/15, 81/17, 81/18, 81/19, 81/20, 81/22, 81/23, 81/24, 81/25, 81/27, 81/28, 81/29, 81/30

82/2, 82/3, 82/4, 82/5, 82/7, 82/8, 82/9, 82/10, 82/12, 82/13, 82/14, 82/15, 82/17, 82/18, 82/19, 82/20, 82/22, 82/23, 82/24, 82/25, 82/27, 82/28, 82/29, 82/30

83/2, 83/3, 83/4, 83/5, 83/7, 83/8, 83/9, 83/10, 83/11, 83/12, 83/13, 83/14, 83/15, 83/16, 83/17, 83/18, 83/19, 83/20, 83/21, 83/22, 83/23, 83/24, 83/25, 83/26, 83/27, 83/28, 83/29, 83/30

84/1, 84/2, 84/3, 84/4, 84/5, 84/6, 84/7, 84/8, 84/9, 84/10, 84/12, 84/13, 84/14, 84/15, 84/17, 84/18, 84/19, 84/20, 84/22, 84/23, 84/24, 84/25, 84/28, 84/29, 84/30

85/3, 85/4, 85/5, 85/9, 85/10, 85/14, 85/15, 85/20

(p) – parti minn blokk

Lista aġġornata u mappa tal-art li qed tiġi offruta jinsabu disponibbli fil-ħolqa li ġejja:

<http://www.dcenr.gov.ie/Natural/Petroleum+Affairs+Division/2011+Atlantic+Margin+Licensing+Round.htm>

---

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**  
**(Każ COMP/M.6133 – FSI/STMicroelectronics)**  
**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata**  
**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**  
**(2011/C 70/05)**

1. Fil-28 ta' Frar 2011, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Fonds Stratégique d'Investissement SA ("FSI", Franza), ikkontrollata biss minn Caisse des Dépôts et Consignations ("CDC", Franza), takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' STMicroelectronics NV ("STM", l-Isvizzera), li bħalissa hija kkontrollata b'mod konġunt mit-Teżor Taljan (Italja) u minn Areva SA ("Areva", Franza), permezz tax-xiri tal-ishma kollha miżmuma indirettament fil-kumpanija minn Areva.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal FSI: fond ta' investment,
- għal STM: il-produzzjoni ta' prodotti ta' semikondutturi,
- għat-Teżor Taljan: tmexxija tal-finanzi tal-gvern.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6133 – FSI/STMicroelectronics, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

## ATTI OĦRAJN

## IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

(2011/C 70/06)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oġġezzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 <sup>(1)</sup>. Id-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni għandhom jaslu l-Kummissjoni fi żmien sitt xhur wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni

## SINTEŻI

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006**

**“KOČEVSKI GOZDNI MED”**

**Nru tal-KE: SI-PDO-0005-0425-29.10.2004**

**DPO ( X ) IĠP ( )**

Din is-sinteżi tagħti l-elementi ewlenin tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal skopijiet informativi.

**1. L-Awtorità responsabbli fl-Istat Membru:**

Isem: Ministrstvo za kmetijstvo, gozdarstvo in prehrano RS (Ministeru tal-Agricoltura, il-Forestrija u l-Ikel)  
Indirizz: Dunajska 58  
SI-1000 Ljubljana  
SLOVENIJA  
Tel. +386 14789109  
Fax +386 14789055  
Posta elettronika: varnahrana.mkgp@gov.si

**2. Applikant:**

Isem: Združenje Kočevski med (L-assoċjazzjoni tal-għasel Kočevje)  
Indirizz: Ulica heroja Marincija 14  
SI-1330 Kočevje  
SLOVENIJA  
Tel. +386 18939339  
Fax —  
Posta elettronika: dragan.stijepic@nlb.si  
Kompożizzjoni: produttori/manifatturi ( X ) oħrajn ( )

**3. Tip ta' prodott:**

Klassi 1.4. Prodotti oħra li ġejjin mill-animali (bajd, għasel, diversi prodotti tal-ħalib minbarra butir, eċċ).

**4. Speċifikazzjoni:**

(sommarju tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 4 (2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

<sup>(1)</sup> ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

4.1. *Isem:*

“Kočevski gozdni med”

4.2. *Deskrizzjoni:*

It-tipi ta' Kočevski gozdni med huma:

(a) *L-għasel tal-foresta*

huwa ta' oriġini mħallta mis-sustanzi ħelwin li joħorġu mis-siġar (honeydew), li fih ħafna sustanzi minerali. Il-kulur tiegħu huwa kannella ċar għal skur bi sfumaturi ta' aħmar jew aħdar, jista' jkun trasparenti jew le, b'aroma ta' raża, ġewż, u x-xropp tat-truf tal-arżnu. Il-konduttività elettrolitika hija anqas minn 0,85 mS/cm.

(b) *L-għasel tal-arżnu*

għandu kulur kannella fl-aħmar u huwa pjuttost magħqud anke meta jkun fi stat likwidu. Għandu toġhma ta' raża, xropp tat-truf tal-arżnu, ta' ħelu tal-ħxejjex aromatiċi, te magħmul minn weraq li mhumiex iffermentati għalkollox, (green tea) kafè inkaljat, frott imnixxef, tin, ħelu tal-kafè, idum u jeħel mal-ilsien u s-saqaf tal-ħalq. Il-konduttività elettrolitika hija mill-anqas 0,95 mS/cm.

(c) *L-għasel taż-żnuber*

għandu kulur griż fil-kannella skur b'rifless aħdar. Għandu toġhma ta' karamella, zokkor maħruq, raża, injam frisk koniferu, xropp tat-truf tal-arżnu, duħħan, te iswed bil-ħalib, u ta' ħelu tal-ħxejjex aromatiċi. Il-konduttività elettrolitika hija mill-anqas 0,95 mS/cm.

(d) *L-għasel tal-lajm*

għandu kulur isfar li jvarja minn ċar għal medju jew lewn l-ambra. L-aroma hija qawwija ta' mentol, ta' te tas-siġra tal-lajmu taż-żahar tagħha. Il-konduttività elettrolitika hija mill-anqas 0,8 mS/cm.

Barra minn hekk, l-Għasel Kočevski gozdni med għandu jilħaq il-parametri li ġejjin:

- kontenut massimu ta' ilma: 18,6 %,
- HMF massimu: 10,
- m'għandux jissaħħan għal iżjed minn 40 °C,
- ma jistax jirriżulta minn zokkor jew għasel miżjud li ġej minn barra ż-żona ġeografika tal-produzzjoni,
- ma jistax jiġi ffiltrat minn passatur b'toqob iżgħar minn 0,2 mm,
- il-kontenut totali ta' fruttożju u glukożju għandu jkun mill-anqas 45 g għal kull 100 g ta' għasel,
- il-piż speċifiku ta' għasel ivarja minn 1,40 sa 1,45 g/cm<sup>3</sup>,
- fl-evalwazzjoni sensorjali, l-għasel għandu jkiseb punteġġ suffiċjenti għad-dehra, ir-riħa u t-toġhma (mill-anqas 9,5 punti minn total ta' 12-il punt).

4.3. *Żona ġeografika:*

Fil-Majjistral, il-limiti tar-reġjun jinsabu tul il-linja li tiddefinixxi l-konfini tal-municipalitá ta' Loški potok u jgħaddu minn mal-għoljiet tal-parti t'isfel tal-muntanja Racna gora. Lejn it-Tramuntana jkomplu lil hinn mill-bliet ta' Lužarje, Krvava peč u Rob, imbagħad iduru mal-Wied ta' Raščica fid-direzzjoni tal-belt ta' Ponikve, u wara jerġgħu iduru lejn il-Lbiċ matul l-għoljiet tal-parti t'isfel tal-muntanja Mala gora. Minn hemm il-limiti jduru lejn il-Lvant għax-xmara ta' Krka u jkomplu matul l-għoljiet tal-parti t'isfel tal-muntanja Rog u Poljanska sax-xmara Kolpa. Il-komunitajiet ewlenin li jinsabu fuq il-limiti taż-żona tal-Lvant huma: Dvor, Soteska u Črmošnjice. Lejn il-Lbiċ u n-Nofsinhar, il-limiti taż-żona jgħaddu b'mod parallel mal-fruntiera tal-Kroazja, matul ix-xmara Čabranka u x-xmara Kolpa. Il-komunitajiet ewlenin li jinsabu matul din il-parti li tiddefinixxi l-limiti taż-żona huma: Čabar, Osilnica, Brod na Kolpi u Stari trg ob Kolpi.

Dawn il-lokalitajiet kollha jinsabu fiż-żona ġeografika definita.

4.4. *Prova tal-oriġini:*

Il-pożizzjonijiet tad-doqqajs għall-produzzjoni tal-Għasel tal-Foresta ta' Kočevje għandhom ikunu fiż-żona ġeografika definita.

Il-kontroll tal-orijini tal-Koċevski gozdni med jitwettaq fi stadji differenti minn min irabbi n-naħal, mill-Assoċjazzjoni Koċevski med (Għasel Koċevje), mill-kontrolluri, u fl-aħħar, mill-korp indipendenti taċ-ċertifikazzjoni.

Il-persuna li trabbi n-naħal għandha żżomm diversi rekords, bħar-reġistru ta' meta n-naħal joħorġu jimirħu għall-ikel (lokazzjoni, numru ta' doqqajs, il-ħin ta' meta joħorġu jieklu, kwantitajiet tar-rendiment tal-għasel, serje, eċċ), rekords tal-miżuri li jittieħdu għall-ħarsien tas-saħħa tan-naħal, u għall-analiżi tal-għasel. L-Assoċjazzjoni Koċevski med iżżomm reġistru tal-persuni li jrabbu n-naħal li jipproduċu l-Koċevski gozdni med (il-lokazzjoni tal-kaxex tan-naħal, in-numru ta' doqqajs, il-produzzjoni ta' għasel għal kull doqqajs), reġistru tat-tikketti li jissiġġillaw bin-numru maħruġa bil-kitba "Koċevski gozdni med" reġistru ta' persuni li jqiegħdu l-għasel Koċevski gozdni med fil-vażetti, u r-reġistru tal-kontrolluri. Il-kontrollur (persuna mħarrġa speċjalment u li tkun ingħatat liċenzja) għandu jispezzjona l-persuna li trabbi n-naħal u li tixtieq li tqiegħed il-Koċevski gozdni med fil-vażetti, sabiex jiġi żgurati li t-trobbija tan-naħal tiegħu/tagħha, tal-produzzjoni, il-ħażna u t-tqegħid fil-vażetti tal-għasel tiegħu/tagħha jitwettqu kif suppost. Jekk l-għasel jissodisfa r-rekwiżiti, il-kontrollur japprova l-ammont mitlub ta' tikketti li jissiġġillaw għall-Għasel Koċevski gozdni med lill-persuna li trabbi n-naħal, b'kunsiderazzjoni tal-ammont ta' għasel iddikjarat. Il-kontrollur għandu jżomm rekords dwar il-livell xieraq fil-prattiki tat-trobbija tan-naħal milħuq mill-persuna li trabbihom, u tal-analiżi tal-għasel imwettqa fuq il-post.

#### 4.5. *Metodu ta' produzzjoni:*

Il-pożizzjonijiet tad-doqqajs għandhom ikunu fiż-żona ġeografika definita fil-punt 4.3. Il-persuni li jrabbu n-naħal għandhom jżommuhom skont il-prinċipji ta' Prattika tajba tat-trobbija tan-naħal. Il-produzzjoni tal-għasel hija soġġetta għal kondizzjonijiet iġjeniċi stretti biex tiġi assigurata kwalità għolja tal-għasel prodott.

Ix-xehda maħsuba għall-kisba tal-għasel m'għandhiex tkun espota għal aġenti kimiċi li jintużaw għall-kontroll tal-mard u l-pesti. Fiż-żmien meta joħorġu jfittxu l-għalf, in-naħal (bee colony) m'għandhomx jingħataw għalf. Il-metodi li jintużaw biex jitnaffru n-naħal huma l-knis (sweeping), l-użu tal-minfaħ, filwaqt li jiġi minimizzat id-duħħan; u l-użu ta' kimiċi li jbiegħdu l-insetti mhux permess. It-tqegħid tal-għasel fil-vażetti jibda meta l-għasel jimmatura u l-kontenut tal-ilma ma jaqbiż it-18,6 %. L-għasel qatt ma għandu jinġabar mix-xehda li jkun għad fiha d-doqqajs (brood). L-għasel qatt ma jitqiegħed fil-vażetti direttament mill-iżmillatur.

It-tnixxif tal-għasel mhux permess. L-għasel dejjem jiġi ffiltrat, iżda mhux minn passatur li jżomm fraq iżgħar minn 0,2 mm. L-għasel kristallizzat jista' jiddewweb bit-tisħin, iżda biss b'temperatura massima ta' 40 °C fil-punt tal-kuntatt bejn l-apparat tat-tisħin u l-għasel. It-tidwib tal-għasel b'tisħin tal-majkro-vejv mhux permess.

It-tqegħid tal-Koċevski gozdni med f'vażetti għandu jsir fiż-żona ġeografika definita, peress li b'dan il-mod biss tiġi żgurata u miżmuma kwalità għolja tal-għasel u fl-istess ħin jiġi evitat kwalunkwe tibdil fil-karatteristiċi fiżikokimiċi u organolettiċi tal-għasel. Qabel jiqiegħed f'vażetti u qabel isir it-tikkettar bl-isem "Koċevski gozdni med", huwa obligatorju li jitwettqu l-kontroll u l-klassifikazzjoni ta' kull lott tal-għasel. Dan il-kontroll jitwettaq mill-kontrolluri (ara l-punt 4.4), filwaqt li kontrolli addizzjonali jitwettqu wkoll mill-korp tal-ispezzjoni msemmi fil-punt 4.7. L-Għasel Koċevski gozdni med jitqiegħed f'kontenituri ta' daqs differenti għall-bejgħ bl-immnut. Immedjatament wara li jimtela l-vażett, l-għatu u l-vażett jingħalqu b'tikketta li tissigġilla sabiex il-vażett ma jkunx jista' jinfetħ mingħajr ma titqatta' t-tikketta li tissigġilla. Il-kontroll strett tal-fażijiet kollha u l-verifika tat-traċċabilità jnaqqsu wkoll ir-riskju li dan it-tip ta' għasel jitħallat ma' tipi oħra ta' għasel u t-tikkettar ta' tipi oħra ta' għasel bl-isem Koċevski gozdni med.

#### 4.6. *Rabta:*

Il-boskijiet tar-reġjun ta' Koċevje għandhom kwalitajiet eċċezzjonali ta' ambjent naturali ippreservat sew, u għaldaqstant jikklassifikaw fost l-aħjar żoni ppreservati fl-Ewropa. Iż-żona ġeografika li fiha jiġi prodott l-għasel Koċevski gozdni med hija kważi l-istess żona ta' Koċevsko-Kolpa, li hija waħda mill-partijiet importanti tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħabitats flimkien mad-Direttiva dwar l-Għasafar fir-reġjuni ta' Natura 2000. Iż-żona Koċevsko – Kolpa hija waħda mill-akbar żoni ta' foresta mhux mittiefa fis-Slovenja. Ir-reġjun ta' Dinaric hemmhekk huwa miksi b'foresti tal-faġu Illiriċi, li jagħmlu parti mill-ħabitats protetti fl-Ewropa.

B'mod partikolari ż-żona fejn jimirħu n-naħal għall-għalf hija mimlija siġar, il-parti ċentrali tagħha hija kbira 800 km<sup>2</sup> u 95 % tagħha hija miksija b'siġar tal-foresta. Iż-żona tiftaħar b'varjeta' sħiħa ta' flora, mogħnija b'veġetazzjoni tal-foresta tal-għoljiet tal-mergħat u tal-art mistagħdra. Iż-żoni individwali jvarjaw fid-dehra ta' gruppi ta' pjanti li jagħtu l-għasel, id-diversità tal-habitats individwali, il-kondizzjonijiet klimatiċi u ż-żoni tal-altitudni. Il-persuni li jrabbu n-naħal jafu kif għandhom japproffittaw mill-flora rikka u l-perjodi differenti tat-tkabbir. Għalhekk, iż-żnuber jagħti l-għasel f'Ġunju, u ħafna drabi f'Lulju u f'Awwiisu. Is-siġra tal-arżnu, xi drabi, tagħti l-għasel fl-aħħar ta' Mejju, inkella f'Ġunju, is-siġra tal-lajm ikollha ż-żahar diġà f'Ġunju u tilħaq l-aqwa tagħha madwar ġimagħtejn wara li ma tibqax tagħmel fjuri. Biex jagħmlu l-aqwa użu mill-artijiet li jipprovdu l-għalf, il-persuni li jrabbu n-naħal jitransportawhom minn żona għall-oħra fi ħdan iż-żona ġeografika definita. B'hekk dawn jimmonitorjaw b'attenzjoni r-rapporti tal-aġenzija għat-tbassir tal-produzzjoni tan-nektar. Dan il-mod tat-trobbija tan-naħal iwwassal sabiex jiġu prodotti diversi tipi tal-għasel Kočevski gozdni med.

It-tradizzjoni twila diversi sekli ta' trobbija tan-naħal fiż-żona ġeografika hija evidenzjata fost l-oħrajn bl-għażla ta' Sant'Ambroġ' bħala patrun tan-naħal. Huwa magħruf biss li dan għex fir-raba' seklju qabel Kristu, li kien isqof u għalliem ekkleżjastiku. Għall-unur u l-foħrija tiegħu, għad hemm persuni li jrabbu n-naħal li jitolbuh għas-saħħa tan-naħal u għal rendiment tajjeb tal-għasel. Fi Stari trg ob Kolpi hemm statwa kbira ta' Sant'Ambroġ' b'doqqajs immaljat ħdejn saqajh fuq l-altar tal-knisja parrokkjali.

Fil-kappella fil-villaġġ ta' Lazi ob Kolpi mbagħad wieħed jista' jara affresk li ġie mpitter fl-1557, iżda skopert biss ftit snin ilu, ta' xbieha ta' Sant'Ambroġ' flimkien ma' tliet qaddisin oħrajn. Iż-żewġ xbihat għalhekk jixhdu t-tradizzjoni twila tat-trobbija tan-naħal fiż-żona usa' ta' Kočevje.

Numru ta' patrijotti, b'livell tajjeb ta' edukazzjoni u li kienu kapaċi jiktbu dwar ix-xogħol tagħhom man-naħal, kellhom ukoll influwenza importanti fuq l-iżvilupp tat-trobbija tan-naħal fir-reġjun ta' Kočevje. Fost dawn kien hemm il-kappillan, l-imhalled u s-Sindku Jurij Jonke, li twieled fl-1777 fi Svetli Potok ħdejn Kočevje. Hu kien ukoll irabbi ħafna n-naħal u kkontribwixxa sew għall-promozzjoni tat-trobbija domestika tan-naħal. Hu rrapporta dwar dan fil-gazzetta Ġermaniża dwar it-trobbija tan-naħal Bienenzeitung, u kiteb ukoll għal Novice u Ilirischer Blatt ippubblikati f'Ljubljana. Barra minn hekk, fl-1836 kiteb ktejjeb dwar it-trobbija tan-naħal, li jġib l-isem ta' "Anleitung zur praktischen Behandlung der Bienenzucht" (Gwida prattika għat-trobbija tan-naħal).

Kien irabbi ħafna n-naħal ukoll il-kittieb Fran Levstik, li twieled f'Retje ħdejn Velike Lašče. Dan kiteb ktieb bl-isem ta' "Bučelstvo" (Trobbija tan-naħal), ippubblikat fl-1853.

It-trobbija tan-naħal espandiet b'mod sinifikanti wara l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914-1918), meta ġew stabbiliti l-ewwel ferġat tat-trobbija tan-naħal.

Wieħed mill-inizjaturi kien il-persuna progressiva li trabbi n-naħal Josip Kajfež (1881-1944) minn Nova Sela ob Kolpi, li sa mill-1918 kellu 100 kolonja tan-naħal. Mhux biss kien mudell fit-trobbija tan-naħal u fondatur tat-trobbija tan-naħal organizzata fil-Wied ta' Kostelska, iżda kien ukoll magħruf għat-trobbija tan-naħal irġejjen. Hu kiteb ukoll għar-rivista "Slovenski čebelar" (Trobbija tan-naħal Slovena) u għal pubblikazzjonijiet oħra simili.

#### 4.7. Awtorità tal-kontroll:

Isem: Bureau Veritas, d.o.o.  
 Indirizz: Linhartova 49a  
 SI-1000 Ljubljana  
 SLOVENIJA  
 Tel. +386 14757670  
 Fax +386 14747602  
 Posta elettronika: info@bureauveritas.si

#### 4.8. Tikketta:

L-għasel li jissodisfa l-kondizzjonijiet tal-ispeċifikazzjoni għandu jiġi tikketat bl-isem "Kočevski gozdni med" bid-dikjarazzjoni "Denominazzjoni Protetta tal-Oriġini", is-simbolu tal-Komunità rilevanti u s-simbolu nazzjonali tal-kwalità.







## AVVIŻ

Fl-4 ta' Marzu 2011, fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 70 A*, se jiġi ppubblikat il-*"Katalgu Komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli – it-tieni suppliment tad-29 edizzjoni kompluta"* u *"Katalgu Komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' ħxejjex – it-tieni suppliment tad-29 edizzjoni kompluta"*

L-abbonati tal-*Ġurnal Uffiċjali* jistgħu jiksbu l-istess numru ta' kopji u verżjonijiet lingwistiċi ta' dan il-*Ġurnal Uffiċjali* bħal dawk li jiksbu mingħajr ħlas. L-abbonati huma mitluba jirritornaw il-formola meħmuża hawnhekk, mimlija u bin-numru sħiħ tal-abbonament tagħhom (il-kodiċi jidher fuq ix-xellug ta' kull tikketta u jibda: O/...). Dan il-*Ġurnal Uffiċjali* se jibqa' disponibbli mingħajr ħlas għal sena mid-data ta' meta jiġi ppubblikat.

Non-abbonati jistgħu jordnaw dan il-*Ġurnal Uffiċjali* bi ħlas f'wieħed mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna (ara [http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)).

Dan il-*Ġurnal Uffiċjali* – bħall-*Ġurnali Uffiċjali* kollha (L, C, CA, CE) – jista' jiġi kkonsultat mingħajr ħlas online fuq <http://eur-lex.europa.eu>

---

## FORMOLA GĦALL-ORDNI

**Publications Office of the European Union**  
Subscription Department  
2, rue Mercier  
2985 Luxembourg  
LUXEMBOURG  
Fax +352 2929-42759

In-numru tar-reġistrazzjoni tiegħi huwa: O/... .

Jekk jogħġbok ibgħatli ... kopja/kopji mingħajr ħlas tal-**Ġurnal Uffiċjali C 70 A/2011** li għalihom jiena intitolat skont l-abbonament tiegħi.

Isem: .....

Indirizz: .....

.....

Data: ..... Firma: .....

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 100 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 770 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 400 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	Eur 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	Eur 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

### Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

